MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 377/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Nru 596/2014**

**fl-ismijiet :**

**Charles Schembri**

***kontra***

**Victor Vella**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Victor Vella ("ir-rikorrent") [intimat fil-Mandat ta' Qbid fl-ismijiet premessi ("Il-Mandat")] presentat fit-2 ta` Mejju 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, ressaq tliet talbiet fosthom it-tielet talba fejn talab ir-revoka *contrario imperio* ta` digriet li tat il-Qorti fit-22 ta` April 2014.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Mejju 2014.

Rat ir-risposta ta` Charles Schembri ("l-intimat") [rikorrent fil-Mandat] tat-12 ta` Mejju 2014.

**Ikkunsidrat :**

L-istanza tar-rikorrent hija kostellata minn problemi procedurali li, fil-fehma ta` din il-Qorti, huma ta` essenza, u allura vitali, ghall-konsiderazzjoni tal-istess istanza.

Il-Qorti sejra tissofferma ruhha fuq it-tielet talba li taqra hekk :-

*Tirrevoka id-digriet taghha tat-tnejn u ghoxrin (22) t`April elfejn u erbatax (2014) contrario imperio.*

Bl-ebda mod ma hija din il-Qorti edotta ghal liema digriet ir-rikorrent qieghed jirreferi.

**Fuq dan biss, il-Qorti tista` tieqaf hawn u tichad it-talba tar-rikorrent.**

**B`sens ta` gustizzja, il-Qorti mhijiex sejra taghmel hekk u bil-ftit li ghalih accenna r-rikorrent sejra tifhem li d-digriet li ghalih qed jirreferi huwa d-digriet tal-hrug tal-Mandat.**

**Jekk dak huwa l-kaz, l-istanza tar-rikorrent tikkozza radikalment ma` dak li trid il-ligi fil-kaz ta` revoka ta` Mandat.**

**Infatti fil-kaz ta` revoka ta` Mandat, il-ligi ma tippermettix sgiccaturi ; anzi tinsisti fuq osservanza stretta tad-dettami taghha.**

**Meta l-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju jipprocedi sabiex jitlob ir-revoka tal-att, kif donnu jidher li qieghed jaghmel ir-rikorrent, huwa obbligat bl-Art.836(1) tal-Kap.12 li jressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni dik it-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1).**

Fil-kaz tal-lum, mhux biss ir-rikorrent mank jirreferi ghall-Art 836(1) tal-Kap 12 bhala l-bazi tal-istanza tieghu izda bl-ebda mod ma jindika fuq liema disposizzjoni qieghed jippretendi li l-Qorti ghandha tilqa` t-talba tieghu.

**B`sens ta` gustizzja maz-zewg partijiet li jimmeritaw trattament indaqs, ma tistax tkun il-Qorti li timla` l-vojt li halla r-rikorrent.**

**U hekk sejra taghmel din il-Qorti.**

**Stante li dak huwa l-istat tad-dritt il-Qorti qeghda tichad it-tielet talba tar-rikorrent.**

In kwantu ghall-ewwel u ghat-tieni talbiet tar-rikorrent, il-Qorti sejra taghmel riferenza ghall-**provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005** fejn inghad hekk –

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

Anke fl-isfond tal-premess, din il-Qorti mhijiex sejra tidhol fi kwistjonijiet ta` mertu (kif ittenta jaghmel ir-rikorrent fil-kawzali tar-rikors tieghu) propju ghaliex dawn il-materji ghad iridu jigu trattati u decizi minn din il-Qorti stess hekk kif presjeduta fil-kawza dwar il-mertu bejn il-partijiet.

Huwa ben evidenti illi l-ewwel zewg talbiet qeghdin jistiednu lil din il-Qorti sabiex taghmel propju dan u cioe` li tidhol fil-mertu izda dan il-Qorti mhijiex sejra taghmlu anke ghaliex il-kompitu taghha fil-procediment tal-lum mhuwiex dak li r-rikorrent qieghed jippretendi li l-Qorti ghandha taghmel.

**Ghalhekk l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent qeghdin jigu respinti wkoll.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha ta` Victor Vella kif dedotti fir-rikors tieghu tat-2 ta` Mejju 2014.**

**Tordna lill-istess Victor Vella sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------